*Irkejjen storiċi*

# It-tempju preistoriku f'Buġibba

minn Vincent Zammit


Waħda mill-ġebliet dekorati li nstabu fit-tempju

Il-gżejjer Maltin huma mżgħuda bil-fdalijiet preistoriċi. Dawn il-fdalijiet mhux biss għandhom ikunu magħrufa sew minna lkoll, iżda għandhom ikunu priservati ferm aħjar milli jinsabu s'issa. Dan qegħdin ngħiduh minħabba l-fatt li dawn il-fdalijiet huma uniċi, u minħabba f'hekk ir-responsabbiltà tagħna hi ferm akbar lejn l-umanità. Barra minhekk tajjeb li ngħidu li għalkemm fil-biċċa l-kbira l-Maltin ikunu jafu bit-tempji u bil-fdalijiet li huma importanti, dawk li nistgħu ngħidulhom · sekondarji jingħataw il-ġenb.

Wieħed minn dawn ta' l-aħħar hu tempju żgħir li jinsab fil-proprjetà tal-Lukanda Dolmen.


Pjanta tat-tempju bid-daħla tkun min-naħa tax-xellug tad-disinn — Disinn ta' Evans

## Is-sejba

Bħal ħafna mit-tempji u l-fdalijiet li nstabu fil-gżejjer Maltin, dawn il-fdalijiet kienu nnutati għall-ewwel darba minn Sir Themistocles Zammit fis-sena 1923. Dan il-professur Malti kien mgħarraf bil-preżenza ta' diversi ġebel ta' daqs kbir li kienu jidhru f'għalqa fl-inħawi ta' Buġibba. Dan il-ġebel kien aktar mirdum milli le, u minħabba f'hekk kien talab il-per-mess mingħand il-proprjetarji ta' l-art biex iħalluh jinvestiga dwarhom. Ix-xogħol ingħata bidu fis-sena 1928. U hekk kif sar magħruf li l-fdalijiet kienu importanti, l-istess Gvern Kolonjali kien tħajjar jieħu dik l-art u ssir tal-Gvern.

## Deskrizzjoni tat-Tempju

It-tempju ta' Buġibba m'huwiex speċjali. L-ewwelnett minħabba li l-fdalijiet stess hekk jagħtuna x'nifhmu u fl-istess ħin irridu ngħidu wkoll li l-fdalijiet tkissru sew matul l-aħħar snin qabel ma kienu nstabu. Dan it-tkissir kien sar minħabba li l-ġebel kien itellef lill-bdiewa, u mhux l-ewwel darba li l-istess bdiewa kienu jkissru l-ġebel il-kbir li kienu jsibu taħt il-ħamrija tagħhom, ħalli b'hekk l-art kienet tkun aħjar biex tinħadem.

It-tempju għandu faċċata simili għat-tempji kollha. Hu kemmxejn konkav, u l-ġebel hu tażżonqor. Dan jindika li l-bennejja ħadu ħsieb jagħtu aktar protezzjoni lill-ġebel ta' barra minħabba l-effett ta' l-istess baħar, għax it-tempju kien mibni wisq fil-viċin. Għalkemm, kif diġà għidna l-ġebel ma tantx għadu jidher f'postu, xorta waħda nistgħu naraw kemmxejn il-pjanta ta' dan it-tempju.

Naraw erba' ġebliet weqfin, tnejn fuq kull naħa tal-passaġġ. Minn dan il-passaġġ, li oriġinarjament kien ikun imsaqqaf, wieħed kien jispiċċa jidħol fil-kamra li minnha kont issib kamra fuq kull naħa. Sfortunatament dawn il-kmamar ma tantx għadhom jidhru wisq, iżda l-ftit ġebel li fadal jagħtina indikazzjoni ta' kemm setgħu kienu kbar dawn il-kmamar.

Biex wieħed japprezza aktar il-ħila ta' dawn in-nies, tajjeb li ngħidu wkoll li dawk l-erba' ġebliet li diġà semmejna, u li kienu fil-kuridur li jdaħħlek ġewwa, kellhom għoli ta' madwar 1.60m. Mill-fdalijiet li għad hemm fuq quddiem ta' dan it-tempju hemm ukoll ġebla li tagħtina x'nifhmu li din kienet il-ġebla tas-saqaf. Id-daqs ta' din hu ta' madwar 3.30m bħala tul, 1.90m wisa' u .60m ħxuna.

Jekk wieħed joqgħod jaħseb biss fuq id-daqsijiet ta' dawn il-ġebel jinduna mill-ewwel kemm il-bennejja kienu nies veramet tas-sengħa. Għax mhux li tgħid li kienu nies li sabu ġebla li raw x'jagħmlu biha. Iżda l-ġebel tagħhom kien ikun maħdum, u jurik li dan kien ikun maħsub għall-post partikulari. Mhux ta' b'xejn li dawn in-nies huma meqjusa bħala nies intelliġenti, għalkemm kienu neqsin mill-kitba.

## Fdalijiet

Il-ġebel li nstab fit-tempju kien differenti minn dak li kien hemm fuq barra. Dawn, fil-fatt kienu tal-franka, u minħabba f'hekk wieħed jista' jinduna li dawn kienu saru biex isir xi tiżjin. Dan it-tiżjin fil-fatt instab, għalkemm illum il-ġurnata fit-tempju ma' għad fadal xejn minħabba li l-oriġinali ttieħdu lejn il-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija.

Waħda minn dawn il-ġebliet turi d-disinji famużi ta' l-ispiralli. Dawn narawhom f'żewġ pari, fuq żewġ faċċati biss. L-ispiral hu sabiħ ħafna, u fuq kollox jidher li għal dawn in-nies kien ifisser ħafna. Għax niltaqgħu ma' dan id-disinn kullimkien, kemm fuq il-ġebel, kif ukoll fuq il-fuħħar, u fuq disinji oħra. Min jaf x'kienu jridu jfissru b'dak id-disinn? Min jaf jekk kinux qegħdin jirreferu għall-kontinwità tal-ħajja, għall-bżonn li wieħed jemmen fil-kontinwità ħalli jemmen li hu ma jkunx ġie għalxejn?

It-tieni ġebla hi interessanti wkoll. Anzi din hi l-aktar waħda interessanti minħabba l-fatt li s'issa għadha ma nstabitx waħda bħalha fil-gżejjer Maltin. Qegħdin nirreferu għall-ġebla partikulari li fuqha hemm imnaqqxin il-ħut. Fuq il-faċċata hemm tliet ħutiet, filwaqt li fuq naħa waħda biss hemm ħuta oħra murija.

Il-ħut li hemm imnaqqax fuq il-faċċata juru tliet ħutiet ta' daqsijiet differenti, għalkemm hu maħsub li qegħdin juru l-istess tip ta' ħuta. Mill-ftit indikazzjonijiet li wieħed jista' jara, hu maħsub li dawn qegħdin jirreferu għas-sargu. Għaliex ħut imnaqqax fuq din il-ġebla, u f'dan it-tempju ta' Buġibba?

Naħseb li wieħed jista' jasal għar-risposta malajr, minħabba l-fatt li filwaqt li dawk in-nies tat-tempji l-oħra setgħu kienu bdiewa u għalhekk aktar kellhom ċans li joffru annimali, dawn ta' dan it-tempju kienu sajjieda. Fuq kollox it-tempju tagħhom m'hux eżatt mal-baħar?

## Kronoloġija

Dan it-tempju jidher li nbena lejn l-aħħar snin taż-żmien tat-Tempji f'Malta, jiġifieri bejn is-snin 3000 u l-2500 Qabel Kristu. Jidher ukoll li dan it-tempju nbena u sar użu minnu għal ftit tas-snin. Ma tantx jidher li kien sarlu xi tibdil fih, fil-ħajja qasira tiegħu. Jibqa' l-fatt li dan t-tempju żgħir hu wieħed minn dawk li pprovdew xi ħaġa interessanti, xi ħaġa li s'issa għadna ma sibniex oħra bħalha.


Il-ġenb ta' ġebla li ghandha mnaqqxa huta